**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' April 2011 — Unites States Polo Association vs UASI — Textiles CMG (U.S. POLO ASSN.)**

**(Kawża T-228/09)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali U.S. POLO ASSN. — Trade mark Komunitarja u nazzjonali verbali preċedenti POLO-POLO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2011/C 160/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Unites States Polo Association (Lexington, Kentucky, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: P. Goldenbaum, I. Rohr u T. Melchert, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Textiles CMG, SA (Onteniente, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Marzu 2009 (Każ R 886/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Textiles CMG, SA u United States Polo Association.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *United States Polo Association hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 180, 01.08.2009.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' April 2011 — Safariland vs UASI — DEF-TEC Defense Technology (FIRST DEFENSE AEROSOL PEPPER PROJECTOR)**

**(Kawża T-262/09)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva Komunitarja FIRST DEFENSE AEROSOL PEPPER PROJECTOR — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Eżekuzzjoni mill-UASI ta' sentenza li tannulla deċiżjoni tal-Bordijiet tal-Appell tiegħu — Drittijiet tad-difiża — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 63(2), Artikolu 65(6), Artikoli 75 u 76 tar-Regolament Nru 207/2009")***

(2011/C 160/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Safariland LLC, li qabel kienet Defense Technology Corporation of America (Jacksonville, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Kunze u G. Würtenberger, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* DEF-TEC Defense Technology GmbH (Francfort-sur-le-Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment minn H. Daniel u O. Haleen, sussegwentement minn O. Haleen, avukati)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Mejju 2009 [Każ R 493/2002-4 (II)], dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Defence Technology Corporation of America u DEF-TEC Defense Technology GmbH.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Safariland LLC għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u tad-DEF-TEC Defense Technology GmbH.*

[1] ĠU C 205, 29.08.2009

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' April 2011 — Fuller & Thaler Asset Mangement vs UASI (BEHAVIOURAL INDEXING u BEHAVIOURAL INDEX)**

**(Kawżi T-310/09 u T-383/09)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjonijiet għat-trade marks Komunitarji verbali BEHAVIOURAL INDEXING u BEHAVIOURAL INDEX — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru desrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2007")***

(2011/C 160/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fuller Thaler Asset Mangement, Inc. (San Mateo, l-Istati Uniti) (rappreżentant: S. Malynicz, barrister)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

**Suġġett**

Fil-Kawża T-310/09, rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord Suprem tal-Appell tal-UASI, tat-28 ta' April 2009 (Każ R 323/2008-G), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali BEHAVIOURAL INDEXING bħala trade mark Komunitarja u, fil-Kawża T-383/09, rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-11 ta' Ġunju 2009 (Każ R 138/2009-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali BEHAVIOURAL INDEX bħala trade mark Komunitarja.